LEHEN IL-MALTI

MAĦRUĠ MILL-"GĦAQDA TAL-MALTI" (UNIVERSITÀ)

MEJJU 1934] IR-RABA' SENA [Ghadd 39

IL-KITBA

TAGĦNI MOĦĦ IL-BNIEDEM

Fl-aħħar ħarġa ta' dan il-qari semma N. Biancardi wieħed min-nuqqasijiet tal-kittieba tal-Malti, li bil-kitba tagħhom qegħdin, bla ma jridu u bla ma jafu, iżommu l-letteratura Maltija magħluqa ġo ħolqa flok ma jwessgħu l-firxa tagħha b'tiżwiq u b'għamliet ġodda ta' kitba. Il-kitba ta' xi żgħażagħ aktarx dejjem għanja waħda: jew xi poeżija ta' mħabba jew xi novella li fiha bosta drabi jidhru personaġġi ta' qatgħa waħda. Jaħtieġ li l-kittieba joħorġu minn dad-djieq jekk iridu jagħnu u jkabbru l-letteratura Maltija.

Naqbel ma' li qal il-kittieb żagħżugħ, mhux għax fil-Malti ma għandniex tiżwiq u ħafna għamliet ta' kitba, iżda għad jonqosna għamliet oħra ta' kitba, biex nistgħu niftaħru li għandna letteratura Maltija sħiħa. Sabiħa poeżija u sabiħa novella, u fihom wisa' kbir biżżejjed biex il-kittieb idur u jagħżel ħsebijiet ġodda u jqegħdilna quddiem għajnejna xeni dejjem sbieħ u ġodda. Iżda poeżija u novella weħidhom mhumiex biżżejjed biex jgħaqqdu letteratura.

Il-kittieba ż-żgħażagħ aktarx jiktbu fuq dak li jaraw u fuq dak li jħossu ġewwa fihom u barra minnhom. Jilmħu warda f'siġra, jisimgħu għasfur igħanni, jaraw is-sema safi, bla nikta, ikħal nir, u jinfexxu jgħannu l-ġmiel tal-ħolqien; jaraw madwarhom il-ġrajja tal-ħajja ta' kulljum u minnhom jagħżlu u jżewwqu, u joħolqu dik li ngħidulha novella. Iżda l'fuq minn dak li jaraw ma jogħlewx. Ma jafux jaħdmu f'moħhom dak li jaraw u minnu joħorġu tagħrif li jqabbadhom it-triq, li twassalhom, minn tagħrif għal tagħrif, biex

jiksbu dak il-ġħerf li b'taħbit kbir u żmien twil isibu f'kotba barranin, jaraw ħaddiem u jafu jiktbu fuqu u fuq ix-xogħol tiegħu, iżda mbagħad ma jafux jogħlew aktar il-fuq u jaħsbu fuq il-ħaddiem u fuq ix-xogħol biex jiktbu fuq id-dmir ta' kull bniedem li jaħdem, fuq ix-xogħol bħala għajn ta' ġid u ta' hena, u ħwejjeġ oħra bħal dawn.

Din il-ħedma ta' moħħ l-ewwel ma jistgħallha hu l-kittieb. Għax moħħu jidra jaħseb fuq li jaraw għajnejh, jaħdmu u jbiddlu f'tagħlim għall-ħajja, bħalma l-istonku jaħdem l-ikel u jbiddlu f'demm li hu l-ħajja tal-ġisem. U t-tagħlim li l-bniedem jikseb bil-ħila ta' moħħu jibqa' dejjem miegħu, isir ħaġa waħda miegħu u għalhekk qatt ma jinsieh. It-tagħlim li naqraw fil-kotba l-ewwel ma tnissel f'moħħ il-bniedem u kiber bil-ħedma tal-moħħ. Mhux għax il-bniedem ħalaq hu l-ġħerf, iżda għax moħħu għaraf jaħseb fuq kull ma jaraw il-għajnejn.

Minn dan naraw li l-kittieba, li jinħallu mill-art biex jogħlew l'fuq minn kull ma jaraw, ikunu mhux biss jżejjnu u jkabbru l-letteratura Maltija, iżda wkoll jiksbu tagħlim li jiswielhom ħajjithom kollha.